# IL-ĠEOGRAFIJA TA' ĦAL-KIRKOP

JOHN A.SCHEMBRI*
KURT BONNICI*

**Introduzzjoni**

Il-gżejjer Maltin huma grupp ta' gżejjer fil-Mediterran ċentrali madwar 93 km lejn in-Nofsinhar ta' Sqallija u 290 km lejn il-Punent ta' l-Afrika ta' fuq. Il-lok tagħhom, fejn jiltaqgħu ż-żewġ ibħra tal-Mediterran - dak tal-Lvant u dak tal-Punent - ta lill-gżejjer importanza strateġika u politika tagħha. L-ewwel element huwa l-popolazzjoni kbira li tgħix fuq 316km$^2$ ta' spazju. Sa mill-1530, il-Gżejjer kienu fuq il-fruntiera ġeo-politika fl-istrateġija militari tal-Mediterran għax kienu okkupati minn qawwiet militari kbar, l-ewwel mill-Kavallieri ta' San Ġwann, imbagħad mir-Renju Unit, mill-1800.

Iż-żewġ potenzi bnew u saħħew id-difiża tal-gżejjer speċjalment bil-bini ta' fortifikazzjonijiet tul il-kosta, u b'hekk il-popolazzjoni ġiet protetta mill-attakki mill-baħar ta' pirati u potenzi li setgħu jaħbtu għaliha. Bix-xogħol li ġie pprovdut bil-bini u l-manutenzjoni tal-fortifikazzjonijiet, il-livell ta' l-għixien żdied, u żdiedet ukoll il-popolazzjoni. Bejn l-1530 u l-1800 żdiedet minn 20,000 għal 100,000, sal-bidu tas-seklu għoxrin laħqet il-200,000 ruħ, u sal-lum madwar 378,000.

It-tieni element huwa l-industrijalizzazzjoni tal-gżejjer imsawra madwar ix-xogħol fil-portijiet, ix-xogħol fil-barrieri u fil-fabbriki li qegħdin l-aktar fin-Nofsinhar ta' Malta, u aktar tard fit-turiżmu, li jinsab l-aktar fin-naħa ta' fuq ta' Malta.

It-tielet element huwa l-firxa ta' l-ambjent il-mibni ta' Malta. Minn numru kbir ta' rħula żgħar imferrxin lejn in-Nofsinhar tal-*Great Fault* (*Victoria Lines*), il-firxa tal-bini nbdiet għal waħda ffukata madwar il-portijiet. Ir-raġunijiet għal din kienu tnejn: il-bidla fil-kapitali amministrattiva mill-Imdina għall-Belt Valletta fis-seklu sittax, u l-prospetti għax-xogħol li nħoloq madwar il-Portijiet. B'riżultat ta' dan, il-villaġġi ż-żgħar ġew jew mitluqin, bħal Ħal Millieri viċin taż-Żurrieq, jew inkella ġew imdawrin bl-espansjoni ta' l-irħula l-kbar. Aktar tibdil f'dan ir-rigward kien il-firxa ta' żvilupp madwar il-Portijiet u t-tkabbir tal-lokalitajiet ħdejn il-kosta.

Jidher li Ħal Kirkop (*Figura 1* [1985]) irreżista l-bidliet kbar ta' matul dan iż-żmien, il-bidla politika, ekonomika u strutturali li għaddew minnha l-Gżejjer Maltin. Dan sar minħabba d-daqs tal-popolazzjoni, il-firxa tal-bini, l-ekonomija u l-użu ta' l-art ta' madwar ir-raħal *(Figura 2)*.

L-iskop ta' dan il-kapitlu hu li jippreżenta l-ġeografija ta' Ħal Kirkop u l-inħawi ta' madwaru. Għaldaqstant, huwa tajjeb li wieħed jibda b'deskrizzjoni tal-ġeografija fiżika taż-żona, u jkompli b'deskrizzjoni tal-ġeografija tal-popolazzjoni, ta' l-aħħar imsawra fuq l-aħħar mitt sena.

**L-elementi tal-Ġeografija Fiżika**
Hemm tliet elementi fiżiċi li jidhru li huma ta' importanza għan-Nofsinhar ta' Malta, li minnu jagħmel parti Ħal Kirkop u l-inħawi ta' madwaru.

L-ewwel element fiżiku huwa x-xejra topografika ġenerali. Iż-żona xxaqleb minn 400 pied fuq il-livell tal-baħar minn Nofsinhar għax-Xlokk lejn il-Bajja ta' Marsaxlokk. Żurżieqa oħra tagħti minn San Anard (175') fuq il-livell tal-baħar ukoll lejn il-Bajja ta' Marsaxlokk. Din it-topografija tħalli lil Ħal Kirkop madwar 50 pied taħt il-livell taż-Żurrieq, il-Qrendi, Ħal Safi u l-Imqabba. Dawn l-inħawi, speċjalment iż-żona fejn ta' Loretu, huma wkoll kważi ċatti u, għalhekk, ippermettew il-bini ta' ajruporti matul is-seklu li għadda.

It-tieni element fiżiku huwa s-serje ta' qasmiet magħrufa bħala ż-Żurrieq-Marsaskala *fault system* li tagħti xejra Grieg-Majjistru *(Figura 3)*. Huwa madwar dawn il-qasmiet li nsibu diversi widien fejn jinsabu bosta mill-irħula tan-Nofsinhar. Dawn il-qasmiet jippermettu li l-ilma jinżel malajr għal ġol-blat u jinħażen fi bjar naturali biex wara jittella' bil-pompi u jintuża għall-biedja.

It-tielet element fiżiku huwa l-varjabbiltà tal-kosta mill-ġorf għoli ta' Benghisa u l-kosta ta' nofsinhar ta' Malta, għax-xatt baxx mal-livell tal-baħar f'Marsaxlokk u Birżebbuġa. Dawn il-kundizzjonijiet taw ċans għall-iżvilupp tal-bajja f'żona industrijali, u għenu biex tintuża ż-żona ċ-ċatta għall-bini tal-fabbriki madwar Ħal Far u għaż-żoni industrijali ta' Ħal Kirkop.

Madankollu, hija l-ġeoloġija taż-żona magħmula mill-franka li tat skop għall-iżvilupp tal-barrieri fl-inħawi ta' Ħal Kirkop u l-Imqabba. Probabbilment kienet din l-industrija li ankrat il-popolazzjoni ta' l-inħawi fl-irħula tagħhom filwaqt li kien hemm bidliet kbar f'inħawi oħra ta' Malta. Barra minn dan, kienu l-ħamrija tajba għall-biedja, id-distanza relattiva mill-kosta, u l-element ta' sigurtà

li ġabu magħhom it-tħaffir ta' bosta bjar fil-franka biex l-ilma jintuża għat-tisqija fis-sajf. B'hekk issawwru bosta rħula fix-Xlokk u fin-Nofsinhar ta' Malta. Aktar tard, l-industrija tal-barrieri pprovdiet il-ġebla għall-iżvilupp ta' l-inħawi l-oħra ta' Malta.

Wieħed jista' jara li l-qasmiet fil-blat (*faults*) isawru d-dehra topografika ta' Malta u, għaldaqstant, il-gżira tista' tinqasam fi tliet żoni, kull żona b' karatteristiċi differenti mill-oħrajn. Iż-żona ta' Fuq u dik t'Isfel huma mifrudin mill-qasma l-Kbira (*Great Fault, Victoria Lines Fault*). Fin-naħa tal-Punent insibu t-tielet żona, dik ta' l-Għoljiet magħrufa bħala l-Għoljiet tar-Rabat u Had-Dingli (*Rabat-Dingli Uplands*). Iż-żona ta' fuq hija mimlija qasmiet li bejn wieħed u ieħor huma paralleli mal-*Victoria Lines*. Dawn jagħtu serje ta' għoljiet u widien li jagħtu mill-Punent għall-Lvant ta' Malta u, f'xi nħawi, jispiċċaw f'bajjiet tul ix-xtut. L-Għoljiet tar-Rabat u ta' Had-Dingli huma l-aktar parti għolja tal-gżira. Hemm qlib bil-mod lejn il-Lvant. Dan ta' l-aħħar jippermetti li bosta widien li jibdew f'din iż-żona jferrgħu bil-mod għat-tielet taqsima. Hal Kirkop u l-inħawi ta' madwaru jinsabu hawn, u jekk wieħed ikollu jaqsam din iż-żona fi tliet partijiet skond il-qsim fil-blat, isib li Hal Kirkop qiegħed fl-aktar parti li fiha l-inqas numru ta' qsim, bi ftit espressjoni topografika fil-wiċċ. Fiż-żewġ partijiet l-oħra hemm numru ta' widien, u t-topografija hija aktar varjata. Hal Kirkop u l-inħawi ta' madwaru jinsabu fuq serje ta' qasmiet hekk imsejħa *Żurrieq-Marsaskala Fault system*. L-espressjoni ta' dawn il-qasmiet fuq wiċċ l-art ma tantx tidher; però wieħed jista' jgħid li l-firxa tal-lokalitajiet, li jagħmlu parti kbira mir-reġjun demografiku tax-Xlokk (*South Eastern Region*) imsemmijin f'dan l-artiklu, qegħdin viċin u madwar dawn il-qasmiet. Il-blat li jifforma l-inħawi ta' Hal Kirkop huwa ta' l-istess Globiġerina.

**Il-Ġeografija Umana**

Il-bidliet demografiċi ta' Hal Kirkop jidhru ċari fit-*Tabelli 1-5*. *Tabella 1* tagħti stampa ġenerali tal-popolazzjoni bejn il-1592 u l-1995. L-aktar li jidher f'din it-tabella huwa l-fatt li filwaqt li bejn is-sittax u s-sbatax-il seklu din kienet tirrappreżenta 1% tal-popolazzjoni tal-Gżejjer Maltin, bejn l-għoxrin u l-wieħed u għoxrin seklu, din bdiet tirrappreżenta 0.5% tal-popolazzjoni. Probabbli kienet iż-żieda fil-popolazzjoni ta' madwar il-Portijiet li għamlet id-differenza. Fil-fatt, *Tabelli 2* u *3* juru l-bidliet reġjonali matul is-seklu għoxrin u joħorġu diversi elementi. Kien hemm tnaqqis ta' 21.3% fil-popolazzjoni tar-reġjun ta' madwar il-Portijiet (*Inner Harbour*), żieda ta' 13% fil-popolazzjoni ta' l-*Outer Harbour Region*, filwaqt li fiż-żona tax-Xlokk (*South East*), li Hal Kirkop jifforma parti minnha, kellha żieda fil-popolazzjoni ta' 4%. *Tabella 4* turi n-numru ta' abitanti f'kull lokalità tax-Xlokk ta' Malta.

*Tabella 5* tagħti dettalji dwar il-lokalitajiet kollha li jiffurmaw iż-żona tax-Xlokk. Jidhru tliet *clusters*. Fil-*cluster* ta' fuq hemm il-lokalitajiet tal-Kosta, iż-żona t'isfel li tinkludi ż-Żejtun u l-Qrendi, u ż-żona tan-nofs fejn jinsabu Ħal Safi, Ħal Kirkop, Ħal Għaxaq, il-Gudja, iż-Żurrieq u l-Imqabba. Il-popolazzjoni ta' Ħal Kirkop żdiedet għal tliet darbiet. Mill-grupp ta' villaġġi ta' madwar iż-Żurrieq, Ħal Safi biss wera rata akbar ta' żieda.

*Tabella 6* turi d-distribuzzjoni tal-lokalitajiet kollha fix-Xlokk ta' Malta bejn l-1901 u l-1995. L-akbar lokalitajiet, iż-Żejtun u ż-Żurrieq, kellhom 62% tal-popolazzjoni tar-reġjun fl-1901. Sa l-1995 din niżlet għal 39.7%, nuqqas ta' 22.3%. Waqt dan iż-żmien, il-villaġġi ta' mal-Kosta żdiedu b'26.9%, filwaqt li kien hemm nuqqas żgħir fil-Qrendi (-3.080%), l-Mqabba (-1.8%), Ħal Għaxaq (-0.6%) u l-Gudja (-0.8%).

Kien hemm żidiet żgħar f'Ħal Safi (+1.3%) u f'Ħal Kirkop (+0.3%). Għaldaqstant, iż-żidiet fil-perċentwali tal-lokalitajiet il-kbar huma akkumpanjati minn żidiet kbar fil-lokalitajiet tal-Kosta, filwaqt li s-sitwazzjoni demografika baqgħet pjuttost stabbli fil-lokalitajiet l-oħra, inkluż Ħal Kirkop.

Dan jirrifletti x-xejra demografika ġenerali b'żidiet fil-popolazzjoni tal-Kosta u f'dik ta' l-*Outer Harbour Region,* u nuqqas f'dik ta' l-*Inner Harbour Region*.

**Konklużjoni: Il-Futur**

Il-futur ta' Ħal Kirkop bħala wieħed mill-irħula Maltin li jżomm l-identità fiżika tiegħu huwa marbut mal-Pjan Fiżiku għan-Nofsinhar ta' Malta. Il-ħarsien ta' l-ambjent il-mibni, speċjalment dawk iż-żoni l-aktar qodma ta' madwar il-Knisja, il-pjazez, l-isqaqien u t-toroq dojoq, jiddependi fuq il-manteniment tradizzjonali tad-djar, restawrar u tiswija b'għajn għall-estetika u kura tal-wiċċ tat-toroq. L-impatt taż-żoni l-ġodda fuq ix-xejra fiżika tar-raħal huwa l-punt kruċjali. Dawn huma: iż-żona reżidenzjali l-ġdida u ż-żona industrijali.

Iż-żona reżidenzjali l-ġdida tixbah lil dik ta' lokalitajiet oħra, b'toroq wesgħin, bini ta' xi żewġ jew tliet sulari armat b'gallariji, bibien ta' garaxxijiet u twieqi ta' materjal li ma jaqbilx ma dak tradizzjonali, l-aktar l-aluminjum. L-impatt ta' dan meta jkun viċin, jew anki xi drabi parti integrali mill-ambjent il-qadim, joħloq konflitt fl-estetika. Pjan li jinkoraġġixxi l-użu ta' materjal tradizzjonali għall-faċċati tad-djar fiż-żoni kollha tar-raħal jagħti ġieħ lill-ambjent li fuqu huwa msawwar Ħal Kirkop.

Iż-żona industrijali tikkonsisti f'żewġ oqsma kbar: l-industrija tal-bini u dik tal-manifattura. Dawn għandhom l-impatt tagħhom fuq id-dehra fiżika u fuq ix-xejra soċjali tar-raħal għax jipprovdu l-għixien għal bosta familji. L-industrija tal-manifattura tikkonsisti fl-*S.T.*, li hija waħda mill-fabbriki ewlenin ta' Malta. Madwar kwart ta' l-esportazzjoni ta' Malta toħroġ minn hawnhekk. L-industrija tal-bini tidher f'dan ir-raħal permezz tal-barrieri li hemm mad-dawra. Minkejja li hemm bosta nies jaħdmu biex jaqilgħu l-għixien tagħhom minn din l-industrija, din toħloq bosta problemi ambjentali bħal trab fin li jtir permezz tax-xogħol fil-ġebla, tnaqqis ta' art agrikola, traffiku ta' trakkijiet u vetturi oħra kbar, u barrieri li m'għadhomx jintużaw.

L-isfida tal-futur għal Ħal Kirkop hija: kif tista' tintegra l-iżvilupp uman ma' l-impatt industrijali. Il-barrieri li m'għadhomx jintużaw jistgħu jerġgħu jintużaw għall-agrikoltura billi jimtlew bl-iskart tal-bini u ħamrija fil-wiċċ, u b'hekk l-estetika tagħhom tkompli ma' dik agrikola.

Huwa l-element turistiku, kemm lokali kif ukoll dak internazzjonali, li tista' tgħid jgħaqqad dawn l-industriji kollha flimkien. Il-parti l-qadima tar-raħal, flimkien mal-knisja parrokkjali, tista' tkun ċentru ta' attrazzjoni għall-mod kif Ħal Kirkop żamm ir-rabta ma' l-imgħoddi; żjara ggwidata lil waħda mill-barrieri turi industrija ewlenija waqt ix-xogħol, u dawra madwar iż-żoni agrikoli titfa' dawl fuq il-produzzjoni ta' l-ikel. Imma mbagħad Ħal Kirkop ma jibqax is-sigriet tan-Nofsinhar ta' Malta.

* *John A. Schembri huwa lecturer fil-Ġeografija u koordinatur fis-suġġett fl-Istitut ta' l-Istudji Mediterranei fl-Università ta' Malta. Kurt Bonnici huwa student tal-Ġeografija fl-istess Università.*

REFERENZI

AZZOPARDI, A., *A new geography of the Maltese islands*, Progress Press, Malta,1995.
BLOUET, B., *The story of Malta*, Progress Press, 1992.
BOWDEN-JONES, H., Dewdney, J.C. u Fisher, W.B., *Malta: background for development,* Dipartiment tal-Ġeografija, Kulleġġ Durham, Università ta' Durham, 1960.
GUILLAUMIER, A., *Bliet u rħula Maltin*, Pubblikazzjoni Valletta, Malta, 1987.
*Census of Population and Housing*, 1995, Uffiċċju Ċentrali ta' l-istatistika, Valletta, Malta, 1996.
ZAMMIT-MAEMPEL, G., *An outline of Maltese geology*, Malta, 1977.

*Ħajr:*
Nixtiequ nirringrazzjaw lil Dr. Horace Vella, ta' l-invit biex niktbu dan il-kapitlu, u lil Miss Candida Abela, tal-paċenzja li ħadet biex ipproduċiet il-manuskritt.

## *Appendiċi Statistiku*

### Tabella 1

IL-POPOLAZZJONI TA' ĦAL KIRKOP FIS-SNIN 1592–1995

| SENA | POPOLAZZJONI | SENA | POPOLAZZJONI |
|---|---|---|---|
| 1592 | 320 | 1901 | 633 |
| 1646 | 373 | 1911 | 786 |
| 1760 | 270 | 1921 | 707 |
| 1851 | 405 | 1961 | 1303 |
| 1865 | 414 | 1985 | 1559 |
| 1890 | 580 | 1995 | 1957 |

Ikkompilata minn *Guillaumier* (1987), *Mosaic* (2000)

### Tabella 2

ID-DISTRIBUZZJONI REĠJONALI TAL-POPOLAZZJONI FIL-GŻEJJER MALTIN, 1901–1995 (PERĊENTWALI)

| REGION | 1901 | 1911 | 1921 | 1931 | 1948 | 1957 | 1967 | 1985 | 1995 |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Inner Harbour | 44.8 | 44.3 | 45.5 | 45.2 | 39.5 | 39.5 | 37.8 | 29.5 | 23.5 |
| Outer Harbour | 16.8 | 16.5 | 16.8 | 17.6 | 21.2 | 21.8 | 23.7 | 28.5 | 29.8 |
| South Eastern | 9.4 | 9.6 | 9.4 | 9.5 | 11.2 | 11.5 | 11.2 | 12.3 | 13.4 |
| Western | 11.6 | 11.7 | 11.0 | 10.9 | 11.4 | 11.3 | 11.5 | 13.0 | 13.7 |
| Northern | 6.8 | 7.2 | 6.8 | 6.9 | 7.7 | 7.3 | 7.6 | 9.3 | 11.9 |
| Gozo | 10.6 | 10.7 | 10.5 | 9.9 | 9.0 | 8.6 | 8.2 | 7.4 | 7.7 |

## Tabella 3

ID-DISTRIBUZZJONI REĠJONALI TAL-POPOLAZZJONI FIL-GŻEJJER MALTIN 1901–1995

| REGION | 1901 | 1911 | 1921 | 1931 | 1948 | 1957 | 1967 | 1985 | 1995 |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Inner Harbour | 83426 | 93783 | 97348 | 102926 | 120958 | 126114 | 118732 | 101963 | 88779 |
| Outer Harbour | 31225 | 34921 | 35882 | 42456 | 64774 | 69480 | 74567 | 98610 | 112882 |
| South Eastern | 17546 | 20412 | 20086 | 23052 | 34208 | 36854 | 35224 | 42475 | 50650 |
| Western | 21666 | 24678 | 23587 | 26393 | 34899 | 36196 | 36142 | 44580 | 51961 |
| Northern | 12722 | 15298 | 14672 | 16587 | 23472 | 23375 | 23933 | 32108 | 44852 |
| Gozo | 19790 | 22695 | 22552 | 23838 | 27680 | 27601 | 25978 | 25682 | 29026 |
| **Total** | **186375** | **211787** | **214127** | **241621** | **305991** | **319620** | **314216** | **345418** | **378159** |

## Tabella 4

ID-DISTRIBUZZJONI TAL-POPOLAZZJONI FIL-LOKALITAJIET KOLLHA FIL-LVANT TA' MALTA, 1901–1995

| | 1901 | 1911 | 1921 | 1931 | 1948 | 1957 | 1967 | 1985 | 1995 |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| I.P. Malti | 186375 | 211787 | 214127 | 241621 | 305991 | 319620 | 314216 | 3454418 | 378150 |
| Lvant ta' Malta | 17546 | 20412 | 20086 | 23070 | 34208 | 36854 | 35224 | 42475 | 50650 |
| Ħal Kirkop | 633 | 786 | 707 | 805 | 1016 | 1204 | 1225 | 1559 | 1957 |
| Iż-Żurrieq | 3654 | 4524 | 3609 | 4257 | 5359 | 6837 | 6752 | 7984 | 8684 |
| Ħal Safi | 367 | 412 | 459 | 448 | 1040 | 709 | 784 | 1323 | 1731 |
| Il-Qrendi | 1333 | 1522 | 1526 | 1611 | 2144 | 2155 | 2094 | 2199 | 2344 |
| L-Imqabba | 1228 | 1358 | 1276 | 1486 | 1965 | 2088 | 2120 | 2269 | 2613 |
| Ħal Għaxaq | 1518 | 1765 | 1629 | 1896 | 2448 | 2830 | 2866 | 3655 | 4126 |
| Il-Gudja | 1133 | 1270 | 1169 | 1283 | 1486 | 1712 | 1729 | 2156 | 2886 |
| Iż-Żejtun | 7234 | 8060 | 7701 | 8731 | 11980 | 11665 | 10440 | 11321 | 11379 |
| Birżebbuġa | – | – | 1219 | 1724 | 5339 | 5297 | 4876 | 5668 | 7307 |
| Wied il-Għajn | – | – | – | – | – | 888 | 876 | 1936 | 4770 |
| Marsaxlokk | 446 | 715 | 791 | 829 | 1431 | 1469 | 1462 | 2405 | 2857 |
| Ħaż-Żabbar | 5750 | | | | | | | | 14138 |

## Tabella 5

IL-BIDLA PERĊENTWALI FIL-POPOLAZZJONI FIL-LOKALITAJIET KOLLHA FIL-LVANT TA' MALTA, 1901–1995

| | 1901–1995 | % | x |
|---|---|---|---|
| MI | 19/775 | 202.9 | 2.0 |
| Lvant ta' Malta | 331014 | 288.7 | 2.9 |
| Ħal Kirkop | 1324 | 309.2 | 3.1 |
| Iż-Żurrieq | 5030 | 237.7 | 2.4 |
| Ħal Safi | 1364 | 471.6 | 4.7 |
| Il-Qrendi | 1011 | 175.8 | 1.8 |
| L-Imqabba | 1403 | 212.8 | 2.1 |
| Ħal Għaxaq | 2608 | 271.8 | 2.7 |
| Il-Gudja | 1753 | 254.7 | 2.5 |
| Iż-Żejtun | 4055 | 157.3 | 1.6 |
| Birżebbuġa | (1219–7307) 6088 | (1921–1995) 599.4 | 6.0 |
| Wied il-Għajn | (888–4770) 3882 | (1957–1995) 537.2 | 5.4 |
| Marsaxlokk | 2411 | 640.6 | 6.4 |

## Tabella 6

IL-BIDLA PERĊENTWALI FID-DISTRIBUZZJONI TAL-POPOLAZZJONI FIL-LOKALITAJIET KOLLHA FIL-LVANT TA' MALTA, 1901–1995

| | 1901 | 1995 |
|---|---|---|
| Lvant ta' Malta | 100 | 100 |
| Ħal Kirkop | 3.6 | 3.9 |
| Iż-Żurrieq | 20.8 | 17.1 |
| Ħal Safi | 2.1 | 3.4 |
| Il-Qrendi | 7.6 | 4.6 |
| L-Imqabba | 7.0 | 5.2 |
| Ħal-Għaxaq | 8.7 | 8.1 |
| Il-Gudja | 6.5 | 5.7 |
| Iż-Żejtun | 41.2 | 22.6 |
| Birżebbuġa | – | 14.4 |
| Wied il-Għajn | – | 9.4 |
| Marsaxlokk | 2.5 | 5.6 |




Mappa ta' Ħal Kirkop biż-żona l-qadima mmarkata
*(Figura 1)*


Ta'l-Iblieq
L-Andar
KIRKOP
HAL-KIRKOP
TRIQ DANNY CREMONA
TRIQ TAL-IBLIEQ
TRIQ KARLU DARMANIN
TRIQ SALVU SACCO
TRIQ IL-KBIRA
TRIQ VALLETTA
TRIQ IL-LEWŻIET
TRIQ SAN NIKOLA




Mappa ta' Ħal Kirkop (għeluq is-seklu 19)
*(Figura 2, minn G. Strickland et al.)*




Mappa tax-Xlokk ta' Malta
*(Figura 3)*

# APPENDIĊI
## Lista tal-Kappillani f'Ħal Kirkop[1]

| | |
|---|---|
| Dun Karlu Taliana | 1592-1628 |
| Dun Xandru Bellia | 1629-1651 |
| Dun Ġwann Xmun Azzopardi | 1652-1659 |
| Dun Matteolu Stafrage | 1659-1665 |
| Dun Duminku Farrugia | 1665-1701 |
| Dun Ġakbu Murga | 1702-1705 |
| Dun Vinċenz Muscat | 1706-1743 |
| Dun Lawrenz Caruana | 1743-1759 |
| Dun Duminku Camilleri | 1759-1772 |
| Dun Franġisku Azzopardi | 1774-1800 |
| Dun Anton Caruana | 1800-1811 |
| Dun Franġisku Vassallo | 1811-1824 |
| Dun Salv Cassar | 1824-1859 |
| Dun Ġużepp Vella | 1859-1875 |
| Dun Ġwann Bonnici | 1875-1876 |
| Dun Ġużepp Barbara | 1876-1932 |
| Dun Franġisku Xuereb | 1932-1937 |
| Dun Ġużepp Inguanez | 1937-1941 |
| Dun Ġużepp Zarb | 1942-1943 |
| Dun Mikiel Spiteri | 1943-1952 |
| Dun Pantaljun Orland | 1952-1953 |
| Dun Pawl Farrugia | 1953-1956 |
| Dun Alwiġ Degurara | 1956 |
| Dun Pawl Pace | 1957-1960 |
| Dun Ġużepp Theuma | 1960-1967 |
| Dun Anġ Vella | 1967-1977 |
| Dun Salv Micallef | 1978-1979 |
| Dun Pawl Schembri | 1980-1981 |
| Dun Anton Portelli | 1981-1984 |
| Mons.Pawl Attard (Amministratur) | 1984-1985 |
| Dun Żaren Caruana | 1985-1990 |
| Dun Karm Camilleri | 1991- |

[1] H.V., Arkivju Parrokkjali Kirkop, Reġistri taż-Żweġijiet, Magħmudijiet u Mwiet.


1594